L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Uffiċċju Komunikazzjoni

19 ta' Jannar 2019
11/2019

# ĠIMGĦA TA' TALB GĦALL-GĦAQDA FOST L-INSARA 2019

Mil-lum il-Ġimgħa, 18 ta' Jannar 2019, l-Insara kollha madwar id-dinja huma mħeġġa jingħaqdu flimkien biex jiċċelebraw il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara, li tintemm nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Jannar 2019. Matul din il-ġimgħa l-Knejjes Insara differenti jingħaqdu għal talb ekumeniku, bit-tema għal din is-sena tkun "Għandek tfittex il-ġustizzja, u l-ġustizzja biss" (Dewt. 16:20).

Għal din l-okkażjoni, nhar il-Ġimgħa li ġej, fis-6:30 p.m., ser jiġi ċċelebrat servizz ekumeniku fil-Knisja Arċipretali ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta. L-Arċisqof Charles J. Scicluna ser jippresiedi dan is-servizz ekumeniku djoċesan. Ir-riflessjoni biblika se ssir mill-Kanonku Simon Godfrey, il-Kanċillier tal-Pro Katidral Anglikan ta' San Pawl, il-Belt Valletta. Is-servizz ekumeniku ser ikun animat mill-kor Joy Gospel. Kulħadd huwa mistieden jattendi.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**